# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 5/2023 SG**

**Joseph Said**

**vs**

**L-Avukat Dr. Joseph Grech gie nominat bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Terry Stride (28737A) li miet nhar l-24 ta' Jannar 2023 b'digriet ta' 29 ta' Mejju 2023**

**Illum il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu 2024**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Joseph Said li ġie ppreżentat fis-16 ta' Marzu 2023 u li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*Illi hu kien jikri lil intimat il-fond Joefran Flat, Flat 4, Triq it-Torri ta' Kennuna, Nadur, Ghawdex.*

*Illi l-intimat miet fl-24 ta' Jannar 2023, u nstab mejjet fil-fond mikri lilu*

*Illi is-sid ha c-cavetta tal-fond lura nhar it-8 ta' Marzu 2023.*

*Illi s-sid ma thallasx il-kera ghax-xhur ta' Jannar 2023, Frar 2023, u Marzu 2023 bir-rata ta' € 430 kull xhar ghal total ta' € 1290*

*Illi in oltre l-inkwilin kien fadallu jhallas is-somma ta' € 124.05 f'kontijiet tad-dawl u l-ilma.*

*Illi s-sid ghandu jiehu wkoll € 100 ghat-tindif skond kif stipulate fil-kuntratt ta' kera.*

*Illi ghalhekk is-sid ghandu jiehu minn ghand l-inkwilin intimat is-somma ta' € 1514.05*

*Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex ma ghandux ihallas lil attur is-somma ta' € 1514.05 kif fuq dovuti.*

*Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan ir-rikors.*

*Bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-suizzjoni.*

Ra r-risposta ġuramentata ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur ta' l-eredita' gjacenti ta' Terry Stride ppreżentata fid-19 ta' Ġunju 2023 fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Mejju, 2023 sabiex jirraprezenta lill-eredita gjacenti ta' Terry Stride 28737A;*

2. *Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz stante li ma ghandu ebda kuntatt mal-eventwali eredi tal-istess Terry Stride;*

3. *Illi madankollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi.*

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' l-provi prodotti.

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti u ċioe' mix-xhieda mogħtija minn Joseph Said innifsu, irriżulta li Joseph Said kien jikri lil Terry Stride (illum mejjet) il-fond 'Joefran Flat', Flat 4, Triq it-Torri ta'

Kennuna, Nadur Għawdex. Irriżulta wkoll mill-istess xhieda li l-intimat miet fl-24 ta' Jannar 2023 filwaqt li r-rikorrenti ħa lura ċ-ċwievet tal-fond fit-8 ta' Marzu 2023.

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qed jitlob ħlas tal-kera tax-xhur ta' Jannar 2023, Frar 2023 u Marzu 2023 bir-rata ta' EUR 430 kull xahar għal total ta' EUR 1290. Waqt ix-xhieda tiegħu, ir-rikorrenti spjega li nonostante li l-kerrej miet f' Jannar, il-fond tiegħu baqa' ssiġġillat sakemm ġie rilaxxat lura f' idejh f' Marzu u dana in vista ta' inkjesta maġisterjali li nfetħet in segwitu għal mewt għal għarrieda ta' Stride.

Ir-rikorrenti talab ukoll il-ħlas ta' EUR 124.05 f'kontijiet tad-dawl u tal-ilma (Dok AB1 u Dok AB2) kif ukoll EUR 100 għal tindif (vide klawsola 18 tal-ftehim ta' lokazzjoni esebit bħala Dok AB3). In fatti, Joseph Said sostna bil-ġurament tiegħu li ħa biċċa xogħol biex naddaf dan il-fond u li l-ftehim kien li titħallas tali somma f' każ li l-inkwilin ma jkunx ħa ħsieb it-tindif tal-post. Per konsegwenza, ġiet ippreżentata din il-kawża sabiex dan il-Bord jikkundanna lill-konvenut iħallas s-somma globali ta' EUR 1514.05ċ.

Dan il-Bord iqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma lkoll ġustifikati u ppruvati, stante li ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-istess sid. Is-sid xehed li huwa ħa lura l-pussess tal-fond f'Marzu 2023 u ressaq provi dwar il-pendenzi tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Ippreżenta wkoll kopja tal-iskrittura tal-kera mil-liema skrittura jirriżulta l-ammont ta' kera li kien dovut fix-xahar kif ukoll l-ispiża ta' EUR 100 għall-ispejjeż ta' tindif.

Per konsegwenza, dan il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha (inklużi dawk tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors odjern) għandhom jiġu sopportati mill-eredita' ġjaċenti ta' Terry Stride.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur